# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(Agent President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 27 ta' Novembru 2017**

**Numru 2**

**Rikors numru 3/15 JZM**

**Gordi Felice**

**v.**

**Avukat Generali**

Preliminari

1. Dawn huma zewg appelli: appell principali maghmul mir-rikorrent Gordi Felice u appell incidentali maghmul mill-intimat l-Avukat Generali minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti] fil-31 ta' Ottubru 2016, li permezz taghha dik il-Qorti laqghet l-ewwel talba ghal dikjarazzjoni li gew lezi d-drittijiet fundamentali limitatament u safejn ir-rikorrent irrilaxxja stqarrija lill-pulizija minghajr assistenza legali, u

pprovdiet dwar it-tieni talba billi ghall-vjolazzjoni riskontrata, illikwidat favur ir-rikorrent kumpens fl-ammnt ta' elf Euro (€1,000) u, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 223(3) tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili, ordnat li kull parti tbati l-ispejjez taghha.

Mertu

2. Fit-28 ta' Novembru 2004 ir-rikorrent, li dak iz-zmien kellu tnejn u ghoxrin (22) sena, gie mixli flimkien ma' William Agius bhala ko-akkuzat, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja[1] b'diversi reati konnessi mal-pussess illegali, bejgh u traffikar ta' medicina ristretta u psikotropika bi ksur ta' diversi dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u, permezz ta' digriet moghti mill-istess Qorti tal-Magistrati fl-imsemmija data, ir-rikorrent kien inghata helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet kif harget ordni tal-iffrizar tal-effett kollha tieghu, mobbi u immobbli. Wara illi, fl-4 ta' Ottubru 2010, inghalqet il-kumpilazzjoni tax-xhieda fil-kaz tar-rikorrent u William Agius, l-istess rikorrent gie akkuzat bir-reati fuq imsemmija quddiem il-Qorti Kriminali bl-Att ta' Akkuza Numru 60/2010 datata 18 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta vs Gordi Felice*[2]. Fuq talba tal-intimat Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 594 tal-Kodici Kriminali, giet ordnata l-firda tal-kawzi bejn iz-zewg ko-akkuzati, u l-istess intimat ghazel ukoll li,

[1] A fol. 24
[2] Dok. Z a fol. 54.

qabel tigi appuntata quddiem il-Qorti Kriminali l-kawza tar-rikorrent, ghandha l-ewwel tigi appuntata u deciza definittivament il-kawza kontra William Agius bil-ghan illi dan tal-ahhar, li qed jitqies mill-intimat bhala l-komplici fir-reati li bihom jinsab mixli r-rikorrent, jista' jixhed liberament fil-guri kontra r-rikorrent.

3. Ir-rikorrent jikkontendi illi d-diskrezzjoni ezercitata mill-intimat, li wasslet ghad-decizjoni tieghu li l-process kriminali tieghu ghandu jistenna l-ezitu finali tal-kawza kontra William Agius, hija wahda arbitrarja peress li ma gietx ezercitata abbazi ta' kriterji stabbiliti mil-Ligi u twassal ghal trattament differenti, nuqqas ta' certezza legali u wkoll wassal ghall-ksur tal-principji tal-gustizzja naturali, li lkoll isarrfu f'lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq. Ir-rikorrent jilmenta wkoll illi b'effett tal-istess diskrezzjoni arbitrarja li biha l-proceduri kriminali pendenti kontra tieghu jinsabu weqfin jistennew l-appuntament u l-ezitu tal-kawza kontra l-allegat komplici, huwa qieghed isofri lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli, stante illi din id-decizjoni tkompli tohloq dewmien eccessiv u inutili fil-proceduri kriminali kontra tieghu, liema proceduri ghadhom pendenti.

4. Finalment ir-rikorrent isostni illi huwa kien irrilaxxa stqarrija waqt li kien interrogat u detenut mill-Pulizija, minghajr ma kellu l-jedd jikkonsulta ma' avukat. Skont ir-rikorrent, in-nuqqas ta' access ghal

konsultazzjoni legali qabel issir l-interrogazzjoni tas-suspettat, jilledi d-drittijiet tieghu kif protetti mill-Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni].

5. Fir-rikors promotur ir-rikorrent ghamel is-segwenti talbiet:

> "(i) Tiddikjara illi bil-fatti fuq esposti gew lezi d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;
> "(ii) Taghti r-rimedju effettiv u opportuni fic-cirkostanzi nkluz izda mhux biss id-dikjarazzjoni tal-estinzoni tal-proceduri surriferiti u kumpens pekunjarju."

6. L-intimat, fir-risposta tieghu ipprezentata fil-11 ta' Marzu 2015, eccepixxa illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda stante illi l-fatt wahdu li l-ligi ma tistabbilixxix kriterji fissi ghall-uzu tad-diskrezzjoni dwar id-decizjoni tas-separazzjoni tal-gudizzju u l-ghazla ta' liema kaz ghandu jinstema' l-ewwel, ma jwassalx ghal ksur tad-dritt ghal smigh xieraq u l-prosekuzzjoni ma hijiex b'daqshekk mehlusa milli tipprova l-kaz taghha kif trid il-Ligi. Skont l-intimat, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jaghti l-ebda dritt lill-akkuzat li xhieda li hija sfavorevoli ghalih ma tigix prodotta, u lanqas jaghti xi garanzija ta' ezitu favorevoli ghalih, anke ghaliex huwa dmir ewlieni tal-prosekuzzjoni li tmexxi l-process bl-iktar mod effettiv li jwassal biex tinkixef il-verita`. L-intimat sostna wkoll li l-fatt li l-kawza tar-rikorrent quddiem il-Qorti Kriminali sejra tistenna l-ezitu finali tal-

kawza kontra l-allegat komplici, ma jammontax ghal dewmien irragjonevoli bi ksur tad-dritt pretiz mir-rikorrent.

7. Rigward l-ilment tar-rikorrent dwar lezjoni tad-dritt tieghu protett mill-Artikolu 6(3)(c), l-intimat eccepixxa li bil-gurisprudenza in materja ma gie stabbilit ebda principju universali li nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju ta' interrogazzjoni jgib l-imsemmija lezjoni u, oltre dan, id-dritt ghal smigh xieraq irid jigi evalwat fir-rigward tat-totalita` tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument specifiku. L-intimat wiegeb ukoll li, in linea ta' rimedju, ir-rikorrent ma ghandu ebda dritt li jigi liberat mill-akkuzi migjuba kontrih.

Is-Sentenza Appellata

8. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet relevanti ghall-appell odjern:

> "**Ir-rikorrent qed jilmenta minn vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif tutelat mill-Kostituzzjoni (Art 39) u mill-Konvenzjoni (Art 6).**
>
> "**Ir-rikorrent isostni li saret lezjoni tad-dritt tieghu permezz ta` zewg fatti.**
>
> "**<u>L-ewwel fatt lesiv</u> lamentat jirrigwarda c-cirkostanza illi meta l-intimat ghazel li l-kaz ta` William Agius jinstema` u jigi deciz qabel tieghu, sehh ksur tal-jedd ghal smigh xieraq.**
>
> "**Skont ir-rikorrent, ghaliex ma hemm l-ebda kriterji ta` kif il-prosekuzzjoni ghandha timxi meta taghmel l-ghazla, id-decizjoni**

**ssir arbitrarja. Ghalhekk ikun hemm vjolazzjoni tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 6 tal-Konvenzjoni.**

"**<u>It-tieni fatt lesiv</u> tjirrigwarda r-rilaxx ta` stqarrija da parti tieghu lill-pulizija fl-assenza ta` avukat.**

"**1) <u>L-ewwel fatt lamentat bhala lesiv mir-rikorrent</u>**

"**<u>L-Art 594 tal-Kap 9</u>** ighid :-

"*Il-qorti tista` wkoll, fuq talba tal-Avukat Ġenerali, tordna l- firda tal-kawżi, kemm-il darba żewġ akkużati jew iżjed ikunu miġjubin flimkien f`att ta` akkuża wiehed."*

"**<u>L-Art 39(5) tal-Kostituzzjoni</u>** jghid :-

"*(5) Kull min jiġi akkużat b`reat kriminali ghandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa hati :*

"*Iżda ebda haġa li hemm fi jew maghmula skont l-awtorità ta` xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma` jew bi ksur ta` dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta` fatti partikolari.*

"*(6) Kull min ikun akkużat b`reat kriminali -*

"*(a) ghandu jiġi nformat bil-miktub, b`ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat ;*

"*(b) ghandu jiġi moghti żmien u faċilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tad-difiża tieghu ;*

"*(ċ) ghandu jithalla jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta` rappreżentant legali u min ma jkunx jista` jhallas ghal rappreżentanza legali hekk kif tkun mehtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tieghu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi ;*

"*(d) ghandu jiġi moghti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tieghu x-xhieda msejha mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta` xhieda suġġett ghall-hlas tal-ispejjeż raġonevoli taghhom, u jaghmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu ghalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bhal dawk li jghoddu ghal xhieda msejha mill-prosekuzzjoni ; u*

"*(e) ghandu jithalla li jkollu bla hlas l-ghajnuna ta` interpretu jekk ma jkunx jista` jifhem l-ilsien użat fil- proċeduri dwar l-akkuża,*

"*u hlief bil-kunsens tieghu stess il-proċeduri ma jistghux jinżammu fl-assenza tieghu hlief jekk huwa jġib ruhu hekk li jaghmel it-tkomplija tal-proċeduri fil-preżenza tieghu imprattikabbli u l-qorti tkun ordnat li jiġi mwarrab u li l-proċeduri jitkomplew fl-assenza tieghu.*

"**L-Art 6 tal-Konvenzjoni** jghid :-

"*1. Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tieghu jew ta` xi akkuża kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`liġi. Is- sentenza ghandha tinghata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistghu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom -interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f` soċjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieġ, jew safejn ikun rigorożament mehtieġ l-fehma tal- qorti f`ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista` tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

"*2. Kull min ikun akkużat b`reat kriminali ghandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat hati skont il-liġi.*

"*3. Kull min ikun akkużat b`reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li ġejjin :*

"*(a) li jkun infurmat minnu h, b`lingwa li jifhem u d-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tieghu ;*

"*(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tad-di ża tieghu ;*

"*(ċ) li jiddefendi ruhu persunalment jew permezz ta` assistenza legali maghżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jhallas l-assistenza legali, din ghandha tinghata lilu b`xejn meta l-interessi tal- ġustizzja jehtieġu hekk ;*

"*(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tieghu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta` xhieda favur tieghu taht l-istess kundizzjonijiet bhax-xhieda kontra tieghu;*

"*(e) li jkollu assistenza b`xejn ta` interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata l-qorti.*

"Fis-sentenza li tat fit-3 ta` Frar 2014 fil-kawza "**Anthony Bugeja vs Avukat Generali**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet jekk :-

"*Il-prinċipju ta` equality of arms ma jfissirx illi l- prosekuzzjoni u d-difiża jkunu f`pożizzjoni identika. Forsi jrid l-attur illi hu, bhall-prosekuzzjoni, jkun mistenni illi jaghmel prova tal-każ tieghu lil hemm*

*minn kull dubju raġonevoli, biex ikun hemm ugwaljanza? Iżda dan ma jkunx aktar assurd mill-pretensjoni tieghu li jkollu voce in capitolo daqs tal-prosekuzzjoni fit-tfassil tal-akkużi. Kif sewwa qalet l-ewwel qorti :*

*"il-prinċipju tal-"equality of arms", fil-qafas ta` proċediment kriminali "where the very character of the proceedings involves a fundamental inequality of the parties, ... entails that the parties must have the same access to the records and other documents pertaining to the case, at least insofar as these may play a part in the formation of the court`s opinion. ... Each party must be given the opportunity to oppose the arguments advanced by the other party. ... The principle further entails that the parties are afforded the same opportunity to summon witnesses. ... In addition, the parties must have the same possibility to call experts and these should in turn receive the same treatment.*

"*18. Il-fatt illi prosekuzzjoni u difiża ghandhom rwol differenti u, kompatibilment ma` hekk, ghandhom ukoll drittijiet u fakoltajiet li ma humiex identiċi, ma jmurx kontra l-prinċipju tal-equality of arms.*

"Fis-sentenza taghha, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti.

"L-Ewwel Qorti kienet qalet –

*"Illi f`dan ir-rigward, il-Qorti tqis li huwa siewi hafna li tghid li "l-jedd li jaghtu l-Kostituzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak ghal smigh xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b`reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jinghata l-mezzi biex, hati jew mhux, jinheles mill-akkuża, jew li, minhabba xi irregolarità, tkun xi tkun, min fuq il-fatti ghandu jinstab hati ghandu jithalla jahrab il-konsegwenzi ta` ghemilu. Il-jedd ghal smigh xieraq jinghata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex hati ma jehilx bi htija, u biex jinghata l-mezzi kollha mehtieġa ghalhekk, u kemm biex min huwa tassew hati ma jahrabx il-konsegwenzi tal- htija tieghu. Il-jedd ghal smigh xieraq ma jinghatax biex min hu tassew hati jasal biex, b`xi mod jew b`iehor, ma jweġibx tal-htija tieghu. Jekk il-jedd ghal smigh xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal ghal hekk, mela hemm xi haġa hażina hafna fis-sistema tal-harsien tad-drittijiet";*

*"Illi hija l-liġi nnifisha li taghti s-setgha li ssir il-firda tal- kawżi fejn żewġ akkużati jew aktar jkunu nġabu flimkien f`Att ta` Akkuża wiehed. Din is-setgha l-Qorti Kriminali twettaqha fuq talba tal-Avukat Ġenerali. Fil-każ li din il- Qorti ghandha quddiemha dan hu dak li sar. Huwa minnu li r-rikors tal-intimat Avukat Ġenerali ma fihx xi motivazzjoni dettaljata biex tfisser ghaliex kien qed jitlob il- firda tal-proċedimenti; u huwa minnu wkoll li l-Qorti Kriminali laqghet it-talba li saritilha bla ma semghet il- fehma tar-rikorrent. Iżda, fil-fehma tal-*

*Qorti, dan ma jġibx il-konsegwenza awtomatika li nkiser il-jedd fundamentali tar-rikorrent ghal smigh xieraq. Huwa maghruf u ġeneralment miżmum li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jghoddx dwar degrieti interlokutorji u li dak l-artikolu jrid jitqies fil-qafas tal-proċediment shih li jkun. Il-Qorti tqis li, minkejja l-ordni li l-ġuri tieghu jinstama` ghalih wahdu u wara dak li jkun ghadda di Bartolo, dan ma taffa bl-ebda mod il-piż li jaqa` fuq il-Prosekuzzjoni biex tipprova kif imiss il-każ taghha. Ix-xenarji li jpinġi r-rikorrent bhala effett tad-degriet huma lkoll imharsin mir-regoli misjuba fil- liġi biex il-każ tar-rikorrent ma jitmexxiex bi ksur ta` xi garanzija fundamentali. Jista` jkun li, minhabba l-firda bejn proċediment u iehor, id-difiża tal-każ min-naha tar- rikorrent issir iżjed iebsa, iżda l-garanzija tal-jedd ghal smigh xieraq, kif inghad qabel, bl-ebda mod ma tfisser li l- parti mixlija tinghata l-ghodda biex akkost ta` kollox tehles mix-xiljiet li jsiru kontra taghha jew li, sahansitra, tinghata l-jedd li taghżel hi dawn l-ghodda; "Illi l-prinċipju tal-"equality of arms", fil-qafas ta` proċediment kriminali "where the very character of the proceedings involves a fundamental inequality of the parties, ... entails that the parties must have the same access to the records and other documents pertaining to the case, at least insofar as these may play a part in the formation of the court`s opinion. ... Each party must be given the opportunity to oppose the arguments advanced by the other party. ... The principle further entails that the parties are afforded the same opportunity to summon witnesses. ... In addition, the parties must have the same possibility to call experts and these should in turn receive the same treatment". Dawn jidher li huma l-garanziji mistennija biex jista` jinghad li tkun tharset ir-regola tat- trattament indaqs tal-partijiet. Mis-sottomissjonijiet kollha li saru u wkoll mix-xhieda mressqa mir-rikorrent innifsu, il- Qorti ma tarax kif ir-rikorrent jista` jghid li tnehhewlu l- imsemmija garanziji jew xi wahda minnhom bil-fatt wahdu li l-Qorti Kriminali laqghet it-talba tal-intimat li l-ġuri tieghu jimxi ghalih u mhux ukoll flimkien ma` dak kontra di Bartolo. Ghalhekk, fid-dawl ta` dawn il-konsiderazzjonijiet u b`żieda ma` dawk li saru aktar qabel, il-Qorti ma tarax lanqas li nkisret ir-regola li jinghata trattament indaqs bejnu u l-prosekuzzjoni li b`xi mod iġġib maghha ksur tal- jedd fundamentali minnu invokat;"*

"Dwar il-fatti tal-kaz tal-lum :

"Tajjeb jinghad illi r-rikorrent u certu William Agius kienu tressqu flimkien fit-28 ta` Novembru 2004 b`diversi akkuzi relatati mad-droga inkluzi l-assocjazzjoni, bejgh, konsenja, traffikar, u pussess.

"F`xi stadju tal-procediment, saret talba mill-ufficjal prosekutur sabiex ikun hemm separazzjoni tal-gudizzju bejn il-kawza ta` wiehed mill-kawza tal-iehor tal-akkuzati, talba li kienet milqugha mill-Qorti.

"Fil-kaz tar-rikorrent, il-Qorti hadet posizzjoni fis-sens illi l-prosegwiment tal-kaz kontra r-rikorrent kellu jistenna l-esitu ta` dak istitwit kontra William Agius.

"L-ewwel fatt lesiv lamentat mir-rikorrent huwa **<u>specifiku hafna</u>**, fis-sens li qed jilmenta li t-talba tal-prosekuzzjoni tas-separazzjoni tal-gudizzju jivvjola d-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli.

"Il-fehma tar-rikorrent mhijiex kondiviza minn din il-Qorti.

"Ic-cirkostanzi ta` l-kaz tal-lum huma simili hafna ghall-ilment li kien deciz fil-kaz ta` "**<u>Anthony Bugeja vs Avukat Generali</u>**".

"Huwa risaput illi sabiex jinghad illi kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, wiehed ghandu jqis il-procediment fl-assjem tieghu, mhux jillimita ruhu ghal episodju wiehed li jkun gara waqt l-andament tal-proceduri, in partikolari f`kaz bhal ma huwa dak attwali fejn il-process kriminali ghadu pendenti.

"Il-Qorti trid tevalwa s-sitwazzjoni kollha u mhux episodji distinti minn xulxin.

"Id-diskrezzjoni li jista` jezercita l-Avukat Generali meta jiddeciedi jekk ghandux jitlob is-separazzjoni ta` kawza minn ohra ma tohloqx pregudizzju illegittimu fil-konfront tar-rikorrent.

"Il-prosekuzzoni ghandha d-dmirijiet taghha.

"Wiehed minn dawn huwa li tmexxi l-process b`mod li tasal biex tinkixef is-sewwa. Fost l-ghodod li ghandha hemm dak li taghzel jekk l-processi ghandhom jimxu flimkien jew le.

"**Din hija setgha li tohrog u trid il-ligi stess.**

"Jekk ma ssirx il-prova li dik s-setgha kienet adoperata b`mod irragjonevoli jew abbuziv, ma jistax jinghad li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-persuna.

"Fil-kaz tal-lum, il-Qorti hija sprovvista mill-prova illi kien hemm abbuz da parti ta` l-prosekuzzjoni tad-diskrezzjoni taghha..

"**Ghalhekk fil-fehma ta` din il-Qorti l-fatt illi l-Avukat Generali wasal sabiex jissepara l-kawzi ta` wiehed mill-iehor minn dawk li kienu akkuzati flimkien mhuwiex leziv tad-dritt ta` smiegh xieraq tar-rikorrent.**

"**2) <u>It-tieni fatt lamentat bhala lesiv mir-rikorrent</u>**

"It-tieni lment tar-rikorrent huwa li rrilaxxa stqarrija minghajr ma kkonsulta avukat.

"Isostni r-rikorrent illi meta rrilaxxja l-istqarrija kellu 22 sena u dik kienet l-ewwel darba li kien arrestat.

"**L-Art 6(3)(c) tal-Konvenzjoni** jghid :-

*"Kull min ikun akkużat b`reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li ġejjin :*

"*(a) li jkun infurmat minnufih, b`lingwa li jifhem u d-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tieghu;*

"*(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tad-difiża tieghu;*

"*(ċ) li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta` assistenza legali maghżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jhallas l-assistenza legali, din ghandha tinghata lilu b`xejn meta l-interessi tal- ġustizzja jehtieġu hekk;*

"*(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tieghu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta` xhieda favur tieghu taht l-istess kundizzjonijiet bhax-xhieda kontra tieghu;*

"*(e) li jkollu assistenza b`xejn ta` interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata l-qorti."*

"Il-Qorti tirreferi ghad-decizjoni li tat il-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta` Mejju 2016 fil-kawza "**Stephen Nana Owusu vs l-Avukat Generali**".

"In partikolari tirreferi ghal li gej :–

*"Ghalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha moghtija fil-każ ta` Charles Stephen Muscat u sentenzi ohra moghtija wara hija interpretazzjoni korretta tal-hsieb tal-Qorti Ewropea fil-każ ta` Salduz billi tilqa` ghal abbużi min-naha tal-prosekuzzjoni u thares id- drittijiet ta` persuna akkużata b`reat kriminali, jidher li, fejn il-proċess kriminali jkun intemm, din l-interpretazzjoni llum ma ghadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza moghtija dan l-ahhar mill-Qorti Ewropea fil-każ ta` Borg v. Malta li fuqha qieghed jistrieh l-attur:*

"*62. ... ... ... the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a*

*lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons.*

"*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.«*

"*Fiċ-ċirkostanzi din il-qorti hi tal-fehma li ma jkunx ghaqli li tinsisti fuq l- interpretazzjoni taghha, ghalkemm ittenni li ghadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta` buon sens.*

"*Madankollu, ukoll fil-każ ta` Borg il-Qorti Ewropea osservat illi jista` jkun hemm "compelling reasons" ghala f`każ partikolari persuna tista` tiġi interrogata qabel ma tkun thalliet tiehu l-parir ta` avukat. Fil-każ tallum l-attur kien dahhal droga f`Malta biex ighaddiha lil haddiehor kompliċi tieghu. Il-pulizija kellha interess leġittimu – u anzi kellha dmir – li taqbad lil dan il-kompliċi wkoll u ghalhekk kien hemm raġuni urġenti ghala l-attur jiġi interrogat minnufih qabel ma l-kompliċi jsir jaf – jew jiġi mgharraf – bl-arrest tal-attur. Fil-fatt l-interrogazzjoni ma serviet ghal ebda skop iehor ghax ix-xiehda kontra l-attur kienet hekk konkluživa li ma kien hemm ebda htieġa ghaliha.*

"*Ghalhekk id-deċiżjoni tal-pulizija li tinterroga lill-attur qabel ma jithalla jikkomunika ma` haddiehor sabiex possibilment jinqabad il-kompliċi kienet wahda leġittima fiċ-ċirkostanzi u ma kien hemm ebda ksur tal- jeddijiet imharsa taht l-art. 6 tal-Konvenzjoni."*

"Fil-kaz ta` "**Borg vs Malta**" tat-12 ta` Jannar 2016 l-ECHR qalet : –

*"Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

"*57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements*

*made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

"*58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

"*(ii) Application to the present case*

"*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.*

"*60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

"*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

"*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*“63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.”*

“Fil-kaz ta` **Salduz vs Turkey** deciz fil-27 ta` Novembru 2008, il-Qorti Ewropea harget b`difiza tal-principji generali –

*“The Court reiterates that, even if the primary purpose of Article 6 of the Convention, as far as criminal proceedings are concerned, is to ensure a fair trial by a “tribunal” competent to determine “any criminal charge”, it does not follow that the Article has no application to pre-trial proceedings. Thus, Article 6 – especially paragraph 3 thereof – may be relevant before a case is sent for trial if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions (see Imbrioscia, cited above, § 36). As the Court has already held in its previous judgments, the right set out in Article 6 § 3 (c) of the Convention is one element, among others, of the concept of a fair trial in criminal proceedings contained in Article 6 § 1 (see Imbrioscia, cited above, § 37, and Brennan, cited above, § 45).*

*“51. The Court further reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of a fair trial (see Poitrimol v. France, 23 November 1993, § 34, Series A no. 277-A, and Demebukov v. Bulgaria, no. 68020/01, § 50, 28 February 2008). Nevertheless, Article 6 § 3 (c) does not specify the manner of exercising this right. It thus leaves to the Contracting States the choice of the means of ensuring that it is secured in their judicial systems, the Court`s task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial. In this respect, it must be remembered that the Convention is designed to “guarantee not rights that are theoretical or illusory but rights that are practical and effective” and that assigning counsel does not in itself ensure the effectiveness of the assistance he may afford an accused (see Imbrioscia, cited above, § 38).*

*“52. National laws may attach consequences to the attitude of an accused at the initial stages of police interrogation which are decisive for the prospects of the defence in any subsequent criminal proceedings. In such circumstances, Article 6 will normally require that the accused be allowed to benefit from the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation. However, this right has so far been considered capable of being subject to restrictions for good cause. The question, in each case, has therefore been whether the restriction was justified and, if so, whether, in the light of the entirety of the proceedings, it has not deprived the accused of a fair hearing, for even a justified restriction is capable of doing so in certain circumstances (see John Murray, cited above, § 63; Brennan, cited*

*above, § 45; and Magee, cited above, § 44).*

*“53. These principles, outlined in paragraph 52 above, are also in line with the generally recognised international human rights standards (see paragraphs 37-42 above) which are at the core of the concept of a fair trial and whose rationale relates in particular to the protection of the accused against abusive coercion on the part of the authorities. They also contribute to the prevention of miscarriages of justice and the fulfilment of the aims of Article 6, notably equality of arms between the investigating or prosecuting authorities and the accused.*

*“54. In this respect, the Court underlines the importance of the investigation stage for the preparation of the criminal proceedings, as the evidence obtained during this stage determines the framework in which the offence charged will be considered at the trial (see Can v. Austria, no. 9300/81, Commission`s report of 12 July 1984, § 50, Series A no. 96). At the same time, an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings, the effect of which is amplified by the fact that legislation on criminal procedure tends to become increasingly complex, notably with respect to the rules governing the gathering and use of evidence. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task it is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself. This right indeed presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused (see Jalloh v. Germany [GC], no. 54810/00, § 100, ECHR 2006-IX, and Kolu v. Turkey, no. 35811/97, § 51, 2 August 2005). Early access to a lawyer is part of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination (see, mutatis mutandis, Jalloh, cited above, § 101). In this connection, the Court also notes the recommendations of the European Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading Treatment or Punishment (CPT) (see paragraphs 39-40 above), in which the CPT repeatedly stated that the right of a detainee to have access to legal advice is a fundamental safeguard against ill-treatment. Any exception to the enjoyment of this right should be clearly circumscribed and its application strictly limited in time. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies.*

*“55. Against this background, the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently “practical and effective”*

*(see paragraph 51 above), Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 (see, mutatis mutandis, Magee, cited above, § 44). The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction."*

"Relattivament ghall-kaz tal-lum, jirrizulta illi r-rikorrent gie arrestat fis-26 ta` Novembru 2004 fis-6.30 ta` filghaxija u li l-istqarrija tieghu ttiehdet fis-27 ta` Novembru 2004 fil-14.24 ta` wara nofsinhar.

"Inghata s-solita twissija.

"Imbaghad wiegeb ghal numru ta` mistoqsijiet.

"Meta rrilaxxja l-istqarrija, ir-rikorrent kellu 22 sena.

"Dak kien l-ewwel arrest tieghu.

"L-istqarrija saret fi zmien nofs siegha.

"Jirrizulta li fl-istess gurnata l-pulizija in konnessjoni ma` dan il-kaz hadu zewg stqarriji ohra, wahda ta` certu Keith Camilleri fil-10.00 am, li damet siegha u nofs ; l-ohra ta` William Agius fil-12.30 pm damet siegha.

"Bil-maqlub tal-kaz ta` Owusu citat aktar kmieni, ma hemm l-ebda raguni valida li tiggustifika l-fatt li r-rikorrent kien interrogat qabel ma thalla jiehu parir ta` avukat.

"Minbarra l-fatt li fl-2004, dan d-dritt ma kienx ghadu fis-sehh fil-ligi taghna, ma kienx hemm bzonn li r-rikorrent jigi nterrogat malajr.

"Jirrizulta li z-zewg persuni li jidher li kienu nvoluti fil-kaz kienu diga` nterrogati **qabel** ma kien interrogat ir-rikorrent.

"Din il-Qort ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-intimat li l-istqarrija ma tistax tigi izolata mill-bqija tal-proceduri, u li l-vjolazzjoni tista` tigi invokata biss jekk jirrizulta li l-istqarrija tikkomprometti serjament d-difiza tar-rikorrent.

"Tghid dan ghaliex l-ECHR fil-kaz ta` **Borg** qalet illi :-

“ … *the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).”*

“**Il-fatt biss li d-dritt ghal assistenza legali ma kienx vigenti fiz-zmien in dezamina huwa bizzejjed sabiex ikun hemm vjolazzjoni, u ma hemmx bzonn li dan jigi kkonsiderat fl-ambitu tal-proceduri kriminali fil-kompletezza taghhom.**

“**Din il-Qorti hija konxja mill-fatt li qabel is-sentenza ta` *Borg* mill-ECHR, kien hemm is-sentenza ta` Dimech vs Malta, fejn l-ECHR kienet qalet li ghandu jitqies il-process fl-intier tieghu qabel ma jigi ddikjarat li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq.**

“**Izda s-sentenza ta` *Dimech* inghatat fit-2 ta` April 2015, filwaqt li dik ta` *Borg* inghatat f`Jannar tal-2016.**

“**Huwa ghalhekk li din il-Qorti qeghda tadotta d-direzzjoni li ta l-ECHR. Bil-fatt biss li kien hemm sistema li fiha dan d-dritt ma kienx jinghata huwa bizzejjed sabiex issib li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq – anke jekk il-proceduri kriminali ghadhom fis-sehh.**

“**Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda ssib li kien hemm ksur skont l-Art 6(3)(c) tal-Konvenzjoni.**

“**3) Rimedju**

“Bhala rimedju, ir-rikorrenti qed jitlob l-estinzjoni tal-process kriminali kontra tieghu.

“Bil-kawza tal-lum, jirrizulta li l-Qorti sabet **biss** li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ta` smiegh xieraq tar-rikorrent limitatament ghall-fatt illi meta huwa ghamel l-istqarrija lill-pulizija ma kienx ghadu jezisti d-dritt ghal assistenza legali fl-ambitu tal-ligi taghna.

“Illi l-process kriminali fir-rigward tar-rikorrent ghadu jrid jibda u ghalhekk din il-Qorti trid li dan ikompli u li dan ma jigix effettwat minn dawn il-proceduri kostituzzjonali.

“Il-gustizzja ghandha tiehu l-kors taghha fil-kaz tar-rikorrent bis-salvagwardji kollha procedurali u kostituzzjonali tal-kaz.

> "**In vista tal-vjolazzjoni riskontrata fil-kaz tat-tieni lment, il-Qorti jidhrilha li r-rimedju ghandu jkun limitat biss ghal kumpens mhux pekunjarju li fil-fehma tal-Qorti ghandu jammonta ghal elf Ewro (€1,000).**"

L-Appelli

9. Ir-rikorrent ipprezenta l-appell tieghu permezz ta' rikors datat 15 ta' Novembru 2016, fejn talab illi din il-Qorti (i) tilqa' l-ewwel talba tieghu fir-rigward ukoll tal-ilment tieghu dwar l-ghazla imwettqa mill-intimat biex il-kaz tieghu jistenna l-ezitu tal-kawza kontra William Agius, kif ukoll rigward il-konsegwenzjali dewmien irragjonevoli; (ii) taghtih rimedju effettiv fis-sens li jigi dikjarat estint il-procediment kriminali mressaq kontrih flimkien ma' kumpens xieraq superjuri ghal dak stabbilit mill-ewwel Qorti, u sussidjarjament tigi sfilzata l-istqarrija moghtija mir-rikorrent u jigi revokat in toto jew in parti l-ordni tal-iffrizar tal-assi tieghu, u (iii) tikkonferma s-sentenza appellata ghall-bqija, bl-ispejjez kontra l-intimat.

10. L-aggravji tieghu fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti: (i) f'materja ta' separazzjoni tal-gudizzju taht l-Artikolu 594 tal-Kodici Kriminali, il-ligi ma tirregolax l-ghazliet li taghmel il-prosekuzzjoni dwar liema kaz ghandu jinstema' l-ewwel u, ghalhekk, l-ghazla li ghamel l-intimat li l-kaz tar-rikorrent ghandu jistenna l-ezitu finali tal-kaz kontra l-allegat komplici, in kwantu hija deciziva dwar l-andament tal-proceduri kontra r-rikorrent u

ukoll hija assoluta u insindikabbli, hija milquta b'arbitrarjeta` u bhala tali tilledi d-dritt ghal smigh xieraq; (ii) l-ewwel Qorti ma qisitx l-ilment tar-rikorrent dwar l-effett tad-dewmien eccessiv li l-imsemmija decizjoni tal-intimat sejra inevitabbilment ikollha fuq il-proceduri kriminali pendenti kontra tieghu, liema proceduri ser ikomplu jigu dilungati inutilment a skapitu tieghu izda minghajr ebda htija da parti tieghu u minghajr lanqas jezisti hjiel meta effettivament ser jintemmu; (iii) ir-rimedju moghti mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-lezjoni tad-dritt ta' assistenza legali fl-istadju ta' *pre-trial detention*, fejn ir-rikorrent irrilaxxa stqarrija minghajr ma kellu jedd jikkonsulta ma' avukat, ma huwiex idoneu u jsostni li l-lezjoni doppja tad-drittijiet tieghu protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-Konvenzjoni, abbinata mat-tbatija psikologika u l-effett tal-incertezza dwar id-dewmien tal-proceduri fuq il-hajja tieghu, timmerita rimedju effettiv.

11. Ghal dan l-appell l-intimat ipprezenta risposta fl-24 ta' Novembru 2016 fejn, ghar-ragunijiet hemm imfissra, sostna li l-appell tar-rikorrent ghandu jigi michud stante li ma kien hemm l-ebda ksur ta' drittijiet fondamentali bis-separazzjoni tal-gudizzju bejn iz-zewg ko-akkuzati u lanqas qed ikun hemm dewmien inutili fil-kaz tar-rikorrent bhala effett tal-ghazla tal-istess intimat biex il-kawza tar-rikorrent tistenna l-ezitu tal-kawza kontra l-komplici liema ghazla hija, del resto, wahda ghall-ahjar tmexxija tal-proskeuzzjoni taz-zewg kawzi u kwindi ezercizzju ragjon-

evoli tas-setgha akkordata lill-istess intimat skont il-Ligi. L-intimat wiegeb ukoll li r-rikorrent ma ghandu ebda dritt ghal rimedju ghal-lezjoni riskontrata fir-rigward tal-istqarrija minnu rilaxxata, wisq anqas il-jedd jitlob li jinheles mill-akkuzi.

12. Illi permezz ta’ appell incidentali minnu interpost fl-istess risposta ghall-appell tar-rikorrent, l-intimat talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata tal-31 ta’ Ottubru 2016 billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet li ma hemmx ksur tad-dritt ghal smigh xieraq minhabba l-effett tas-separazzjoni tal-gudizzju bejn il-ko-akkuzati, u thassarha u tirrevokaha fil-bqija u, minflok, tiddikjara li r-rikorrent appellat ma garrab l-ebda lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent.

13. L-appell incidentali tal-intimat huwa bbazat unikament fuq l-aggravju illi l-ewwel Qorti ma messitx sabet lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrent taht l-Artikolu 6(3)(c) ghaliex l-ilment ta’ nuqqas ta’ smigh xieraq jista’ jigi ezaminat biss fil-kumpless tal-proceduri kollha. Skont l-intimat, galadarba l-process kriminali kontra r-rikorrent ghadu mhux mitmum, l-ewwel Qorti kellha ssegwi r-ragunament tas-sentenza tal-Qorti ta’ Strasburgu fl-ismijiet *Dimech v. Malta* u tikkonkludi li l-ilment tar-rikorrent f’dan ir-rigward huwa intempestiv u kwindi inammissibbli.

14. Ir-rikorrent pprezenta risposta ghall-appell incidentali tal-intimat fl-14 ta' Marzu 2017 fejn, ghar-ragunijiet hemm spjegati, talab li l-appell tal-intimati jigi michud.

**L-Aggravji tal-Appell Principali**

L-Ewwel Aggravju tar-Rikorrent

15. Jigi osservat qabel xejn illi r-rikorrenti jaghmel enfasi li l-appell kif ukoll l-ewwel aggravju tieghu huma ippernjati esklussivament fuq allegat ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq naxxenti mill-fatt li l-kawza tieghu ser tinstema' wara u mhux qabel dik tal-allegat komplici William Agius, in segwitu ghall-ordni ghall-firda li saret bejn il-kawza tieghu u dik tal-imsemmi ko-akkuzat. Ir-rikorrent jikkontendi espressament li hija l-ghazla dwar liema kawza ghandha tistema' l-ewwel li hija milquta minn element ta' arbitrarjeta` u kwindi b'nuqqas ta' legalita`, u mhux l-ghazla fiha nnifisha li l-kawzi jigu mifrudin.

16. Ir-rikorrent jghid hekk fl-appell tieghu:-

> "L-ilment in rigward ma jikkoncernax il-fatt proprju li l-prosekuzzjoni taghzel li tressaq iz-zewg akkuzati flimkien jew inkella li tiddeciedi li tissepara l-gudizzju wara li tkun ressqet zewg ko-akkuzati flimkien. … Mhuwiex kontestat li dawn is-setghat taghtihom il-Ligi stess."[3]

[3] Vide paragrafi 2.1, 2.2 u 2.3 tar-rikors ta' l-appell, a fol. 5.

17. Ir-rikorrent jikkontendi kjarament fl-appell tieghu illi l-lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq hija mibnija fuq zewg binarji: (i) l-arbitrarjeta` tad-decizjoni tal-intimat li jaghzel li l-kaz ta' William Agius jinstema' mill-Qorti Kriminali qabel dak tar-rikorrent, (ii) u d-dewmien irragjonevoli li ggib maghha din id-decizjoni, stante illi effettivament il-kaz tieghu jinsab wieqaf b'incertezza konsegwenzjali dwar meta hu ser jigi finalment aggudikat fuq ir-reati li gie mixli bihom.

18. Dwar l-ewwel aggravju tieghu, ir-rikorrent isostni li d-decizjoni tal-Avukat Generali li jwaqqaf il-prosegwiment tal-kawza tieghu sakemm ikun hemm ezitu finali u definittiv fil-proceduri kriminali kontra William Agius, ma hijiex regolata bil-Ligi u ma ttiehditx lanqas skont kriterji stabbiliti mil-Ligi, izda hija unikament fid-diksrezzjoni assoluta u soggettiva tal-istess intimat u ghalhekk hija milquta b'element ta' arbitrarjeta` li jilledi d-dritt tieghu ghal smigh xieraq.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

19. Tajjeb illi jigi osservat qabel xejn illi, ghalkemm l-ilment ewlieni tar-rikorrent jinsab imsejjes fuq l-ordni ghas-separazzjoni tal-kawza bejn iz-zewg ko-akkuzat f'dan il-kaz, u ghalkemm il-partijiet jaqblu li kien

inghata digriet li ordna din l-imsemmija firda[4], ebda wahda mill-partijiet ma ressqet prova dwar dan id-digriet tal-Qorti Kriminali[5]. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu in prim'istanza, l-intimat jghid li d-decizjoni ghas-separazzjoni tal-kawzi ittiehdet mill-Qorti Kriminali fit-13 ta' April 2013 izda dan id-digriet ma jirrizultax in atti. L-unika dikjarazzjoni ohra relevanti in materja li tinstab fl-atti hija dik a fol. 74 li saret fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2015 fejn id-difensur tal-intimat ikkonfermat illi:-

> "… il-guri kontra William Agius li sal-lum ghadu mhux appuntat, ser jinstema qabel il-guri kontra r-rikorrent u illi l-effet ta' dan ser ikun illi wara li jkun deciz definittivament il-guri ta' William Agius, l-istess William Agius ser jitressaq bhala xhud mill-Avukat Generali fil-guri kontra Gordi Felice."

20. Jidher li s-sentenza appellata indirizzat l-ilment tar-rikorrent limitatament mill-aspett tal-legalita` o meno tal-ghazla li wettaq l-intimat meta talab u kiseb ordni gudizzjarja ai termini tal-Artikolu 594 fuq citat li l-processi taz-zewg ko-akkuzati ma jibqghux mexjin flimkien, u mhux l-ghazla dwar liema kawza tinstema' l-ewwel qabel l-ohra. Fis-sentenza appellata gie deciz li ma jirrizultax li f'dan il-kaz, is-setgha moghtija mil-Ligi lill-Avukat Generali biex jiddeciedi jekk ghandux jitlob is-separazz-joni ta' kawza minn ma' ohra giet adoperata b'mod irragjonevoli jew abbuziv jew holoq pregudizzju illegittimu fil-konfront tar-rikorrent u kienet appuntu ghal din ir-raguni li l-ewwel Qorti ma rravizatx ksur tad-dritt

---

[4] Permezz ta' verbal li sar waqt l-udjenza tat-13 ta' April 2015 quddiem l-ewwel Qorti.

[5] Filwaqt li l-ahhar seduta quddiem il-Qorti Istruttorja saret fl-4 ta' Ottubru 2010, l-Att ta' Akkuza kontra r-rikorrent gie pprezentat quddiem il-Qorti Kriminali fit-18 ta' Novembru 2010.

vantat mir-rikorrent. Ghalkemm huwa minnu li ma jidhrix li l-ewwel Qorti ttrattat l-ilment partikolari tar-rikorrent kif fuq imfisser b'mod specifiku, din il-Qorti tqis li l-konsiderazzjonijiet li saru fis-sentenza appellata dwar il-legalita` tad-decizjoni nnifisha ghall-firda tal-kawzi taht l-Artikolu 594 japplikaw *ut sic* ghall-konsiderazzjonijiet dwar id-decizjoni tal-intimat dwar liema kawza ghandha tinstema' l-ewwel. Dan qed jinghad ghaliex is-smigh ta' wahda miz-zewg kawzi qabel l-ohra huwa korollarju logiku u inevitabbli tal-firda tal-kawzi, liema firda hija biss wahda mill-ghodod procedurali koncessi mil-Ligi lill-prosekuzzjoni biex tkun fl-ahjar pozizzjoni li twettaq dmirijitha fil-process tat-tfittxija tal-verita` f'proceduri kriminali.

21. Din il-Qorti tqis ukoll illi kieku l-ilment tar-rikorrent kellu jintlaqa', u l-ghazla tas-sekwenza li fiha ghandhom jinstemghu l-kawzi li qabel kienu jifformaw process wiehed kellha titqies bhala leziva ghad-dritt ta' smigh xieraq, kieku l-intimat ikun perennement imxekkel f'wahda mill-funzjonijiet bazilari tieghu ossia l-prosekuzzjoni tal-kawzi quddiem il-Qorti Kriminali, oltre li din il-Qorti tkun qeghda effettivament tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Avukat Generali fl-ghazla dwar liema kaz ghandu jinstema' l-ewwel.

22. Ir-rikorrent jallega wkoll illi b'effett tal-ghazla in dizamina huwa gie assoggettat ghal trattament differenti, presumibbilment, minn dak

moghti lill-allegat komplici William Agius. Madanakollu, apparti li r-rikorrent ma ressaq l-ebda sottomissjoni partikolari dwar dan l-ilment, ma sejjisx dan l-ilment tieghu fuq id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Ghalhekk din il-Qorti tqis illi t-trattament differenti li jilmenta dwaru r-rikorrent jista' jinkwadra fil-qafas tal-principju dwar *equality of arms*, li jaghmel referenza wkoll ghalih l-istess rikorrent bhala wahda mill-bazi tal-ilmenti tieghu.

23. Infatti, ir-rikorrent jilmenta li l-ghazla tal-intimat in dizamina timpingi wkoll fuq l-applikazzjoni shiha tal-principju ta' *equality of arms* kif imfisser mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:-

> "The Court reiterates that the principle of equality of arms – which is one of the elements of the broader concept of fair trial – requires each party to be given a reasonable opportunity to present his or her case under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage vis-à-vis his or her opponent." (see, among other authorities, GB v. France, no.44069/98, ECHR 2001-X) [ECHR C.B v Austria, deciza 4 April 2013, Appl.30465/06 – para.37]"[6].

24. Fil-fehma ta' din il-Qorti, is-sekwenza tal-kawzi kif maghzula mill-intimat ma tilledix id-drittijiet tar-rikorrent fil-kuntest ta' dan il-principju, li huwa imhares mid-diversi dispozizzjonijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Il-fatt li l-guri tar-rikorrent jigi appuntat u jinstema' wara li jigi determinat il-process kontra William Agius b'ebda

[6] Muscat v. Malta, Q.E.D.B, deciza 17 ta' Lulju 2012. Citata wkoll f'Dombo Beheer B.V. v. The Netherlands.

mod ma jista' jnaqqas mill-garanziji Kostituzzjonali u Konvenzjonali biex jissalvagwardjaw smigh xieraq fil-process kontra r-rikorrent, anke fl-assenza ta' kriterji jew linji-gwida stabbiliti mil-Ligi biex jirregolaw din l-ghazla. Kif osservat l-ewwel Qorti b'referenza ampja ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Anthony Bugeja v. Avukat Generali**[7], bis-separazzjoni tal-procedimenti fiha nnifisha ma gie lez ebda wiehed mill-aspetti tad-dritt ghal smigh xieraq minkejja illi din id-decizjoni hija deciziva dwar l-andament tal-proceduri kontra r-rikorrent, u daqstant iehor din il-Qorti ma ssibx li gie lez l-istess dritt tar-rikorrent bl-effett ta' dik is-separazzjoni taz-zewg kawzi. Il-fatt li l-intimat jista' jressaq lill-komplici bhala xhud fil-kaz tar-rikorrent quddiem il-Qorti Kriminali ma jinkwadrax f'lezjoni tal-principju ta' *equality of arms*. Ma jirrizultax illi b'daqshekk ir-rikorrent ser jigi mcahhad minn opportunita` ragjonevoli biex ihejji d-difiza tieghu, anke jekk ikun kostrett minhabba l-ghazla tal-intimat li jibdel xi ftit jew wisq il-linja difensjonali originali li kellu meta kien ko-akkuzat ma' l-allegat komplici. Barra minn hekk, id-dritt tar-rikorrent li jisfida l-verzjoni u l-kredibbilita` tal-allegat komplici jekk jitressaq bhala xhud fil-kawza jibqa' mhux mittiefes bl-ghazla tas-sekwenza tas-smigh tal-kawzi, bhalma tibqa' intatta wkoll il-presunzjoni ta' innocenza garantita mir-rekwiziti ta' smigh xieraq. F'kull kaz, kif qal tajjeb l-Avukat Generali, il-prosekuzzjoni tibqa' dejjem marbuta bl-obbligu taghha li tressaq l-ahjar prova u kull prova relevanti sew favur u

[7] Deciza 3 ta' Frar 2014.

sewwa sew kontra l-akkuzat, kif ukoll l-obbligu li tipprova l-kaz taghha lil hemm minn kull dubju ragjonevoli skont kif jesigu r-regoli tal-procedura fil-kamp kriminali.

25. Ghalkemm l-ghazla dwar liema kawza tinstema' qabel l-ohra hija wahda li tithalla esklussivament f'idejn il-prosekuzzjoni, u d-diskrezzjoni relattiva ma hijiex regolata mil-Ligi jew minn kriterji legali stabbiliti, l-ezercizzju ta' din id-diskrezzjoni li, del resto, issegwi necessarjament l-uzu ta' setgha koncessa espressament mil-Ligi[8], ma jwassalx wahdu u awtomatikament ghal ksur tad-dritt ghal smigh xieraq minghajr prova dwar kif l-ezercizzju tad-diskrezzjoni fil-kaz konkret kien arbitrarju, irragjonevoli u pregudizzjevoli ghad-drittijiet tar-rikorrent entro il-parametri tar-rekwiziti tal-kuncett ta' smigh xieraq.

26. Din il-Qorti tifhem li l-fondament ta' din l-ghazla jinsab inevitabbilment fl-analizi maghmul mill-intimat tar-rizultanzi tal-provi mressqa fil-kumpilazzjoni tax-xhieda quddiem il-Qorti Istruttorja, liema analizi tqieghdu fl-ahjar pozizzjoni biex jiehu dawk id-decizjonijiet ghall-amministrazzjoni tal-process ghar-ricerka tal-verita` bl-iktar mod prattikabbli u efficjenti fic-cirkostanzi. F'dan il-kaz, ghalkemm ir-rikorrent jikkontendi li t-tattika tal-prosekuzzjoni li tressaq il-kaz ta' William Agius qabel tieghu hija nieqsa minn dik il-legalita` li jesigi l-Artikolu 6, jirrizulta

[8] Artikolu 594 tal-Kap. 9.

b'mod evidenti li fil-kawza tal-lum din it-tattika giet imfassla fuq ir-rizultanzi tal-kumpilazzjoni tax-xhieda quddiem il-Qorti Istruttorja fejn William Agius ammetta f'dikjarazzjoni guramentata l-involviment tieghu fir-reati in kwistjoni kif ukoll, allegatament, l-involviment tar-rikorrent, filwaqt li l-istess rikorrent innega prattikament kull allegazzjoni li saritlu fl-interrogazzjoni tieghu dwar l-akkuzi eventwlament migjuba kontrih.

27. Ferm il-konsiderazzjonijiet appena maghmula, ma jirrizultax li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-ghazla tal-intimat li l-kaz ta' William Agius jinstema' qabel dak tar-rikorrent ittiehdet b'mod irragjonevoli jew arbitrarju, u, kif qalet tajjeb l-ewwel Qorti, ma hemmx prova li d-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq fil-process tad-determinazzjoni tal-akkuzi li gie mixli bihom ser jigi pregudikat bhala rizultat tad-decizjoni mehuda mill-intimat. F'dan is-sens, din il-Qorti issib li l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti hija korretta.

28. Din il-Qorti thoss li ghandha zzid li d-decizjoni tal-Avukat Generali li jaghzel l-ordni li fih ghandhom jinstemghu l-kawzi f'kaz ta' firda tal-processi kriminali tal-ko-akkuzati ai termini tal-Artikolu 594 ma tilledix id-dritt ghal smigh xieraq ghaliex f'kull kaz, dik id-decizjoni ma tincidix fuq il-htija o meno tal-persuna akkuzata u tolqot biss is-sekwenza u z-zmien meta jinstemghu l-istess kawzi rispettivament quddiem il-Qorti Kriminali.

29. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

<u>It-Tieni Aggravju tar-Rikorrent</u>

30. Fit-tieni lok, ir-rikorrent jilmenta illi, b'effett tal-imsemmija ghazla tal-Avukat Generali dwar is-sekwenza li fiha ghandhom jinstemghu l-kawza tieghu u tal-allegat komplici, huwa qed isofri lezjoni tad-dritt tieghu li jinghata smigh xieraq fi zmien ragjonevoli. Din l-ghazla, skont ir-rikorrent, twassal fil-prattika f'dilungar inaccettabbli tal-kawza tieghu appuntu ghaliex il-prosegwiment u l-eventwali determinazzjoni taghha jiddependu mill-ezitu finali tal-kawza kontra William Agius li, sal-lum, ghadu lanqas gie appuntat. Ir-rikorrent jghid ukoll li l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata naqset milli tqis dan l-ilment tieghu dwar il-konsegwenzi ta' dewmien esagerat u irragjonevoli li l-ghazla tal-intimat ser tkompli tohloq fil-process tal-kawza tieghu. Huwa jfisser ulterjorment dan l-aggravju billi jsostni li d-dewmien fil-kaz tieghu mhux attribwibbli biss lill-ghazla msemmija kif imwettqa mill-intimat, imma wkoll ghaliex il-proceduri kriminali diga` ilhom jigu dilungati sa minn meta l-process kien ghadu quddiem il-Qorti Istruttorja.

31 L-intimat wiegeb[9] illi r-rikorrent jorbot l-allegat dewmien fil-proceduri kriminali unikament mal-ghazla tieghu li jifred iz-zewg kawzi, u ma ressaq ebda prova li turi li dan l-allegat dewmien huwa attribwibbli lil

[9] Risposta ta' l-appell, a fol. 19.

xi fatturi ohrajn. Senjatament, ikompli jghid, ir-rikorrent ma anazlizzax il-komportament tal-partijiet fil-kawza u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

32. Jidher li ghandu ragun ir-rikorrent meta jghid li l-ewwel Qorti naqset milli tqis l-ilment tieghu dwar il-ksur tad-dritt li jinghata smigh xieraq fi zmien ragjonevoli. L-effett tad-decizjoni tal-Avukat Generali fuq id-dewmien fil-process kriminali pendenti kontra r-rikorrent, kif ukoll l-allegazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni minhabba d-dewmien eccessiv b'mod generali fl-istess proceduri kriminali, ma jidhrix li gew indirzzati fis-sentenza appellata. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, din il-Qorti sejra tezamina hija stess s-siwi ta' dan l-ilment imqajjem mir-rikorrent.

33. In tema legali jinsab ritenut pacifikatament illi:-

> "… hu meqjus li l-ħtieġa ta' smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli fil-każ ta' proċedura kriminali fl-artikolu 6 tal-konvenzjoni "is to guarantee that within a reasonable time, and by means of a judicial decision, an end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil-law position or on account of a criminal charge against him; in the interest of the person in question as well as of legal certainty. This rationale entails that the provision also applies in cases where there is no question of detention on remand" 30; Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), pg. 602 – 3
>
> "Illi għalhekk il-ħtieġa ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli taħt il-Konvenzjoni tinbena fuq il-fatt li (a) id-dewmien iqiegħed fil-periklu l-

effettivita` u l-kredibilta` tal-ġustizzja; (b) il-ħtieġa li l-persuna mixlija tingħata l-opportunita` ta' difiza xierqa u effettiva tant li jingħad li "the right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence" 31; (ċ) d-dewmien joħloq fil-persuna mixlija li titħalla hekk għal żmien twil stat ta' incertezza fuq il-verdett tal-innoċenza jew il-ħtija tagħha u fuq x'sejjer ikun id-destin tagħha; u (d) d-dewmien ta' proċeduri kriminali għandu effett negattiv fuq il-fama tal-persuna mixlija."[10]

34. Fis-Sentenza fl-ismijiet **David Marinelli v. Avukat Generali**[11], citat mir-rikorrent fir-risposta tieghu ghall-appell incidentali tal-intimat, gie rapportat hekk:-

"Din il-Qorti tifhem illi ghar-rigward tar-ragonevolezza tad-dewmien ghandha ssir distinzjoni bejn process kriminali u dak civili, ghax fejn il-liberta` jew il-gieh tal-persuna jkunu *in issue*, hu importanti li l-kwistjoni ma titwalx aktar milli hu necessarju, u filwaqt li, fil-process civili, wiehed jista` jaccetta certu dewmien, dan m'ghandux ikun permess meta hemm imdendla kontra persuna akkuza ta' natura kriminali. Ovvjament, kollox hu relattiv u kollox ghandu jitqies fil-kuntest tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz li jistghu jwasslu ghar-ragonevolezza taz-zmien li ttiehed biex jigi determinat il-kaz in kwistjoni."

35. Finalment, din il-Qorti, fis-sentenza taghha **Joseph Gatt et v. Avukat Generali**[12] ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

"12. Hu ormai ben assodat, kemm fil-gurisprudenza tal-Qrati nostrana kif ukoll f'dik tal-Qorti Ewropeja li, biex jigi accertat jekk it-tul ta' zmien li hadu l-proceduri kienx ragjonevoli jew le ghall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni ghandhom jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz b'mod partikolari l-komplessita` tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrent fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-Qrati fil-kors tal-

[10] ***Anton Camilleri vs Avukat Generali***, deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Frar 2016
[11] PA [S.K.] deciza 3 ta' Lulju 2008.
[12] Deciza 28 ta' Frar

istess process u x'kellu x'jitlef ir-rikorrent bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex jigi deciz b'mod finali l-kaz. (Vide *Frydlender v. France GC* no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII; *Q.Kos. Sydney Ellul Sullivan vs Kummissarju tal-Pulizija et, 28 Jannar 2013, para.22*).).

"13. Ghalhekk f'kawza bhal din m'ghandux biss semplicement jigi konsidrat it-tul effettiv kemm damet il-kawza biex tigi deciza. Ghandhom ukoll jittiehdu in konsiderazzjoni fatturi ohra."[13]

36. Din il-Qorti ma tqisx li l-argument tal-intimat, illi l-allegat dewmien huwa marbut unikament mal-ghazla tieghu li l-kawza tar-rikorrent ghandha tistenna l-ezitu tal-kawza kontra William Agius, huwa tajjeb. Ir-rikorrent kien car bizzejjed fir-rikors promotur kif ukoll fl-appell tieghu illi l-ilment dwar id-dewmien eccessiv fil-kawza tieghu huwa msejjes sew (u b'mod ewlieni) fuq l-ghazla tal-Avukat Generali dwar is-sekwenza fis-smigh taz-zewg kawzi, kif ukoll fuq id-dewmien in generali fil-proceduri kriminali kontrih sa minn meta l-kawza kienet ghadha fl-istadju tal-kumpilazzjoni[14].

37. Oltre dan, jinsab ritenut illi:-

"… in criminal matters, the "reasonable time" referred to in Article 6 § 1 of the Convention begins to run as soon as a person is "charged"; this

[13] Ara wkoll App. 34369/97 ***Thilmmenos v Greece – 6/4/200***. "*60. The Court recalls that the resonablness of the length of the proceedings must be exercised in the light of the particular circumstnaces of the case, and with the help of the following criteria: the **complexity** of the case, the **conduct** of the parties, the conduct of the authorities dealing with the case and **what was at stake** for the applicant*."

[14] Dan jirrizulta mis-segwenti brani mir-rikors promotur tar-rikorrent:- "*Dan qieghed iwassal ghal tul ta' zmien zejjed fil-process provokat min-naha tal-prosekuzzjoni li qed tibqa' tiddilunga l-proceduri tieghu biex ittella' lill-ko-akkuzat William ...*" Fir-rikors ta' l-appell tieghu, ir-rikorrent kompla jfisser l-ilment tieghu kif gej:- "*2.7 L-esponenti ili jsofri l-pendenza ta' proceduri kriminali kontrih ghal dawn l-ahhar tnax-il sena u mhemm l-ebda hjiel dwar meta jistghu jintemmu l-proceduri kontrih. … "2.9 Jinghad qabel xejn illi d-dewmien fil-proceduri tal-kaz tal-esponenti ma bediex issa, izda ilu jigi dilungat sa minn zmien li l-proceduri kienu ilhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja waqt il-kumpilazzjoni."* [enfasi ta' din il-Qorti]

may occur on a date prior to the case coming before the trial court (see, for example the above-mentioned, Deweer v. Belgium, judgment, p. 22, § 42), such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when preliminary investigations were opened"[15].

38. Mill-atti tal-process kriminali esebiti f'din il-kawza jirrizulta s-segwenti:-

- Ir-rikorrent tressaq taht arrest quddiem il-Qorti Istruttorja, mixli bir-reati li allegatament gew kommessi minnu, fl-24 ta' Novembru 2004 (Dok. C a fol 24).
- Il-kumpilazzjoni tax-xhieda quddiem dik il-Qorti damet sejra sitt snin shah, sal-4 ta' Ottubru 2010 meta l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma ghandhiex iktar provi (Dok. Y a fol. 53).
- L-atti esebiti juru li saru b'kollox ghaxar seduti quddiem il-Qorti Istruttorja izda huwa evidenti li l-atti esebiti mhux kompluti, u ma ngiebet ebda spjegazzjoni tal-fatt illi ghas-snin 2005 u 2007 hemm esebit verbal ta' udjenza wahda biss[16], u lanqas tal-fatt illi l-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Gunju 2007 (Dok. W a fol. 50) hija segwita b'verbal tal-udjenza tal-4 ta' Marzu 2010.
- Fl-imsemmija udjenza tas-27 ta' Gunju 2007 il-prosekuzzjoni ddikjarat li fir-rigward tal-akkuzi kontra r-rikorrent jonqos biss ix-xhieda ta' William Agius wara li jkun gie deciz il-kaz tieghu, u talbet ukoll is-separazzjoni tal-gudizzju.
- In segwitu ghal din id-dikjarazzjoni jidher li ma sar xejn sal-4 ta' Marzu 2010 sakemm il-process jidher li finalment inghalaq fl-4 ta' Ottubru 2010[17].
- Fit-18 ta' Novembru 2010, gie pprezentat l-Att ta' Akkuza Numru 60/2010 kontra r-rikorrent fil-Qorti Kriminali (Dok. Z a fol. 54) u jirrizulta

---

[15] Q.E.D.B: ***Merit v Ukraine***, Appl.6656/01, 30 June 2004.
[16] Dok. O a fol. 39 u Dok. V a fol. 49.
[17] Mill-verbal tad-19 ta' April 2010, Dok. X a fol. 51, jidher li l-kawza kienet differita ghall-31 ta' Mejju 2010 izda l-verbal relattiv mhux esebit.

illi n-numru tal-Att ta' Akkuza ta' William Agius jigi qabel dak tar-rikorrent Gordi Felice[18].

- Fl-10 ta' Ottubru 2011 inghatat sentenza mill-Qorti Kriminali fuq l-eccezzjonijiet preliminari mressqa mir-rikorrent akkuzat wara l-prezentata tal-Att ta' Akkuza, u minn din is-sentenza ir-rikorrent interpona appell.
- Fis-26 ta' April 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali tat is-sentenza taghha fuq l-appell tar-rikorrent mis-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2011.
- Fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2015 il-Qorti Kriminali giet infurmata li l-kaz tar-rikorrent qed jistenna l-ezitu tal-guri fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta vs. William Agius* u l-kawza giet differita ghall-21 ta' Jannar 2016[19].

<u>Dewmien fil-proceduri quddiem il-Qorti Istruttorja</u>.

39. Minn ezami tal-kopji tal-atti tal-kumpilazzjoni tax-xhieda esebiti fil-proceduri odjerni quddiem il-Qorti Istruttorja, ma jidhirx li l-prosekuzzjoni ressqet xiehda quddiem l-istess Qorti bejn l-udjenza tad-9 ta' Frar 2006 u l-udjenza tad-19 ta' April 2010, salv ghall-produzzjoni tax-xhieda guramentata ta' William Agius li giet moghtija waqt l-inkjesta magisterjali relattiva. Ghalkemm jirrizulta b'mod manifest mis-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2011 (Dok. JG1) illi waqt il-kumpilazzjoni tressqu iktar xhieda minn dawk li effettivament jirrizultaw mill-verbali esebiti, madanakollu l-atti relattivi ma jifformawx parti mill-atti ta' din il-kawza. Din il-Qorti tqis illi kien inkombenti fuq l-intimat, jekk dehrlu li kellu jirribatti l-allegazzjoni tar-rikorrent li ghad-dewmien fil-proceduri kriminali jahti hu, biex iressaq provi sodisfacjenti biex juri li d-dewmien ma kienx attribwibbli lilu, li hu

[18] Pagna 5 tas-sentenza tal-Qorti Kriminali, Dok. JG1, a fol. 80.
[19] Dok. Z

kien indika diligentement ix-xiehda li kellhom jitressqu u li dawn effettivament tressqu biex jixhdu fl-udjenzi li presumibbilment saru bejn is-snin 2007 u 2010, jew talanqas li n-nuqqas ta' progress fil-kumpilazzjoni fil-perjodu ta' tliet snin li fih hemm *vacuum* totali fl-atti kien dovut lill-agir tar-rikorrent jew ta' persuni ohra.

40. Bla dubju, xejn ma jista' jwarrab il-fatt illi l-kumpilazzjoni tax-xhieda fil-kawza tar-rikorrent u ta' William Agius quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja damet mhux inqas minn sitt snin. Ghalkemm huwa assodat in materja ta' dewmien ghall-finijiet tal-Artikolu 6 li jista' jkun hemm cirkostanzi fejn dak it-tul ta' zmien ukoll jitqies li huwa ragjonevoli, bhal meta l-kaz ikun komplikat u jkun jehtieg investigazzjoni dettaljata u akkurata u kumpilazzjoni ta' hafna xiehda, fil-kaz tal-lum ma tressqet ebda prova li kien hemm din il-htiega. Infatti, f'dan il-kaz, fejn il-Pulizija intercettat liz-zewg ko-akkuzati kwazi in flagrante fuq il-post, ma jirrizultax li seta' kien hemm numru konsiderevoli ta' xhieda li kellhom jigu prodotti biex jixhdu. Fil-fatt, apparti mix-xhud okulari Keith Camilleri, jidher li bosta mix-xiehda kienu ufficjali tal-Pulizija li investigaw il-kaz u esperti nominati fl-inkjesta. Ukoll ma jirrizultax li l-kaz kriminali kien wiehed kumpless sa tali grad li kien jiggustifika dewmien ta' entita` kbira fil-proceduri kriminali.

41. Mill-atti ma jirrizultax lanqas li r-rikorrent ikkontribwixxa ghad-dewmien fil-gbir tal-provi fil-kumpilazzjoni. Di fatti ma jidhrix illi l-intimat addebita xi htija fid-dewmien fil-proceduri fl-istruttorja lir-rikorrent, lanqas fis-sottomissjonijiet li ghamel f'din il-kawza. Oltre li jirrizulta *ictu oculi* mill-atti li l-process tal-kumpilazzjoni dam ghaddej sitt snin, ma hemm xejn iktar fil-process li jista' jeghleb l-allegazzjoni tar-rikorrent li kien hemm dewmien esagerat u mhux gustifikat fil-process kriminali kontrih.

<u>Dewmien fil-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali.</u>

42. Jirrizulta li r-rikorrent ressaq xi eccezzjonijiet preliminari wara l-prezentata tal-Att ta' Akkuza fil-konfront tieghu, liema eccezzjonijiet gew trattati quddiem il-Qorti Kriminali fl-14 ta' Gunju 2011 u eventwalment decizi bis-sentenza tal-istess Qorti moghtija fl-10 ta' Ottubru 2011. Ir-rikorrent appella wkoll minn din is-sentenza u l-appell tieghu gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tas-26 ta' April 2012. Ma jistax ma jinghadx li r-rikorrent kien ben entro l-parametri tad-dritt tieghu li jressaq eccezzjonijiet preliminari ghall-Att ta' Akkuza u, fil-fatt, uhud mill-eccezzjonijiet tieghu gew debitament milqugha mill-Qorti Kriminali, kif gew milqugha wkoll uhud mil-aggravji tieghu fuq appell.

43. Ghalkemm ghal dan it-trapass ta' zmien ta' cirka sena u nofs ma jahtix l-intimat, huwa baqa' ma offra ebda spjegazzjoni ghaliex minn

April 2012 sal-15 ta' Jannar 2017, meta gew istitwiti dawn il-proceduri odjerni, u addirittura sakemm iddikjara li ma kellux iktar provi fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2015[20], il-kawza kontra r-rikorrent baqghet ma gietx appuntata ghas-smigh u konkluza. L-unika spjegazzjoni tinsab fil-fatt illi l-istess intimat kien diga` ghazel li l-proceduri kontra l-istess rikorrent ghandhom jistennew l-ezitu tal-guri kontra William Agius li ghandu jigi appuntat qabel il-guri kontra r-rikorrent, skont kif del resto jirrizulta mid-dikjarazzjoni li ghamel l-istess intimat quddiem l-ewwel Qorti[21]. Ghalhekk, f'kull kaz u irrispettivament mill-eccezzjonijiet sollevati mir-rikorrent quddiem il-Qorti Kriminali, u irripsettivament ukoll mill-appell tieghu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, il-kawza kontra r-rikorrent ma kienet qatt ser titmexxa 'l quddiem qabel l-ezitu definittiv tal-guri kontra William Agius, u dan b'effett tal-ghazla tal-intimat.

44. Din il-Qorti tosserva li l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu in prim'istanza jghid li l-guri ta' William Agius u kwindi tar-rikorrent ghadhom ma gewx appuntati ghaliex iz-zewg akkuzati intavolaw kawza kostituzzjonali kull wiehed. Madanakollu, filwaqt li l-intimat ma ressaq ebda prova dwar xi proceduri kostituzzjonali istitwiti minn William Agius jew, jekk fl-affirmattiv, dawn ghadhomx pendenti, huwa assurd l-argument li process kriminali qieghed jigi differit indefinittivament minhabba l-pendenza ta' kawza kostituzzjonali li tittratta appuntu l-

[20] A fol. 120.
[21] Verbal ta' l-udjenza tal-11 ta' Mejju 2015, a fol. 74.

kwistjoni ta' dewmien eccessiv mhux ragjonevoli fid-determinazzjoni tal-istess process kriminali. F'kull kaz, din il-Qorti tqis li dan l-argument ma jiswiex bhala gustifikazzjoni ghal dewmien komplessiv ta' kwazi tlettax-il sena fis-smigh ta' process kriminali li mhux talli sal-lum ghadu pendenti, talli hemm ammissjoni inekwivoka tal-intimat li l-istess process ser jibqa' "fuq l-ixkaffa" sakemm jintemmu proceduri kriminali kontra terza persuna. Dan kollu jsarraf f'karenza manifesta ta' certezza dwar meta sejra tigi appuntata u mismugha, ahseb u ara deciza, il-kawza kriminali. Ma' dan ghandha tizdied il-konsiderazzjoni li sal-lum lanqas hemm hjiel dwar id-data meta ser tigi appuntata ghas-smigh il-kawza kontra l-imsemmi William Agius.

45. Ferm il-premess, u fid-dawl tan-nuqqas tal-intimat illi jipproduci provi sabiex jiggustifika d-dewmien fil-proceduri penali kontra r-rikorrent, il-Qorti ssib illi r-rikorrent sofra leżjoni tad-dritt tieghu għal smigh xieraq sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni meta, kwazi tlettax-il sena wara li tressaq quddiem il-qorti mixli b'reati taht tal-Kapitolu 31, ghadu qed jistenna li l-kaz tieghu jigi appuntat quddiem il-Qorti Kriminali. Dan id-dewmien ma jistax ma jigix meqjus bhala esagerat, mhux ragjonevoli u li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika, u bhala tali jikser id-dritt fondamentali tar-rikorrent li jistenna li l-proceduri kriminali kontra tieghu jigu determinati fi zmien ragjonevoli.

46. F'hajja ta' bniedem tlettax-il sena huma zmien twil u, f'dan il-kaz tar-rikorrent, dan isarraf fi 13-il sena ta' incertezza fl-ahjar snin taz-zghozija fejn wiehed huwa mistenni jkollu l-ahjar opportunitajiet jibni l-pedamenti tal-hajja familjari u lavorattiva tieghu. Fil-kaz tar-rikorrent izda, dawn is-snin kollha ghaddiehom tiela' u niezel il-Qorti ghas-seduti, kif ukoll jinkwieta dwar il-futur tieghu ghaliex ghadu ma jafx x'ser isir minnu meta finalment jinqata' l-kaz tieghu wara dan iz-zmien kollu.

47. Jigi ribadit illi din il-lezjoni hija in parti dovuta wkoll ghall-ghazla ossia agir tal-intimat li, meta ddecieda li l-kawza kontra r-rikorrent ma tigix appuntata u ma tigix determinata qabel l-ewwel tigi appuntata u determinata l-kawza kontra William Agius, tawwal ulterjorment il-proceduri kontra r-rikorrent li kienu diga` ilhom pendenti diversi snin quddiem il-Qorti Istruttorja. Din il-Qorti tapprezza li din id-decizjoni tal-intimat, oltre li fiha nnifisa hija legali u ma timpingix fuq il-garanziji tad-dritt ghal smigh xieraq, ittiehdet ghall-ahjar tmexxija tal-prosekuzzjoni u certament mhux "bl-intenzjoni li jtawwal il-proceduri … inutilment" kif jallega r-rikorrent[22]. Madanakollu, ma tistax ma tosservax illi agir li jirris-petta l-garanziji ta' smigh xieraq fit-termini tal-Artikolu 6 Konvenzjoni ma jibqax konformi mad-dettami ta' smigh xieraq jekk ikollu effett inoltrat li

[22] F'paragrafu 3.6 tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent a fol.149.

jwassal ghal dewmien mhux ragjonevoli fid-determinazzjoni tal-process gudizzjarju, aktar u aktar dak kriminali, a skapitu tal-akkuzat.

48. Dwar ir-rimedju mitlub mir-rikorrent ghal-lezjoni tad-dritt tieghu li l-process penali kontrih jigi determinat fi zmien ragjonevoli, din il-Qorti tqis li dewmien f’kull xorta ta’ proceduri gudizzjarji jimmina l-gustizzja, u dewmien fi proceduri kriminali, fejn il-libertà tal-bniedem hi in diskussjoni, ma ghandux jigi tollerat u ghalhekk ghal dan id-dewmien irid jinghata rimedju effettiv. Din il-Qorti trid ghalhekk taghti lir-rikorrent rimedju li n-natura u entita` tieghu huma mhollija ghal kollox fid-dis-krezzjoni taghha purche` li r-rimedju li jinghata jkun konformi mal-ordinament guridiku tal-qrati taghna.

49. F’dan il-kaz, ir-rikorrent qed jitlob bhala rimedju l-estinzjoni tal-process kriminali. Ir-rikorrent, fil-provi li ressaq quddiem l-ewwel Qorti, fisser il-konsegwenzi detrimentali tad-dewmien fil-process kriminali fuq il-hajja personali u lavorattiva tieghu. Jirrizulta li matul is-snin, ir-rikorrent dahal f’relazzjoni serja u jixtieq jibni familja, oltre li sab xoghol stabbli u bena reputazzjoni tajba ghalih innifsu fil-qasam tal-proprjeta`. Huwa jsostni wkoll li l-effett kumulattiv tad-dewmien esagerat fil-proceduri penali u r-restrizzjonijiet fuq il-liberta` u proprjeta` tieghu diga` ssarraf f’verdett ta’ htija ghalih.

50. Ikun opportun hawnhekk li jigi mfakkar li, kif diga` deciz fil-kuntest tal-ewwel aggravju tar-rikorrent, id-decizjoni tal-intimat li jifred iz-zewg kawzi u jipprosegwi bis-smigh tal-kawza kontra l-allegat komplici qabel dik tar-rikorrent ma timpingix fuq l-effikacja u sahha tas-salvagwardji procedurali sanciti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni biex jiggarantixxu smigh xieraq lir-rikorrent fil-process kriminali kontrih. Senjatament, il-prezunzjoni ta' innocenza f'dan il-kaz tibqa' intatta u certament mhux il-kaz li kien hemm decizjoni li diga` sabet lir-rikorrent hati. Ghalhekk, ir-rimedju mitlub mir-rikorrent ghall-estinzjoni tal-process kriminali ma huwiex wiehed li jista' jinghata.

51. Ir-rikorrent jitlob ukoll bhala rimedju kumpens pekunjarju ghal din il-lezjoni kif ukoll, b'mod sussidjarju, ir-revoka tal-ordni biex ikunu sekwestrati l-assi tieghu, moghti b'digriet tat-28 ta' Novembru 2004. F'dan il-kaz tar-rikorrent, id-dewmien sal-lum jammonta ghal tlettax-il sena li, apparti kull konsiderazzjoni ohra, huwa dewmien li inevitabbilment ikun holoq grad sinjifikanti ta' frustrazzjoni, incertezza u inkwiet ghar-rikorrent, kif del resto fisser fil-provi li ressaq f'dan il-kuntest.

52. Wara li din il-Qorti hadet qies tat-tul komplessiv taz-zmien li hadu l-proceduri u z-zmien li ghad iridu jiehdu, id-dewmien inordinatament eccessiv li huwa kagun tieghu l-intimat, kif ukoll l-element qawwi ta'

incertezza li dan jiggenera necessarjament fir-rikorrent u n-natura kriminali tal-proceduri, u wara li qieset ukoll il-kriterji applikati mill-Qorti ta' Strasbourg u mill-qrati taghna, hija tal-fehma li ghall-ksur tal-jedd imgarrab mir-rikorrent ma tghoddx biss id-dikjarazzjoni tal-ksur u lanqas ir-revoka ta' xi ordni li ghamlet il-Qorti ta' kompetenza kriminali kif kienet del resto entro s-setghat taghha li taghmel, izda li jkun rimedju xieraq jekk ir-rikorrent jinghata kumpens fi flus ghad-danni kemm morali u kemm pekunjarji li huwa garrab.

53. Kif gie rapportat minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet *Anton Camilleri vs Avukat Generali*[23]:-

> "Meta jiġi riskontrat dewmien skont l-artikolu 6, ir-rimedju għandu jkun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjeta' in kontestazzjoni, u bla preġudizzju għad-danni materjali ossija reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża"; (Kost. 3.2.2009 fil-kawża fl-ismijiet Gasan Enterprises Limited vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar)."

54. Meta qieset ukoll il-fatt li l-proceduri kontra r-rikorrent fadlilhom aktar zmien biex jintemmu, liema zmien ghadu indefinit, din il-Qorti hija tal-fehma li l-quantum tal-kumpens ghad-danni ghandu jkun sinjifikanti. Ghalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li dan il-kumpens ghad-dannu li sofra r-rikorrent sal-lum minhabba d-dewmien ghandu jigi ffissat fl-ammont ta' sitt elef Euro (€6,000).

---

[23] Supra.

55. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa sodisfatt u qed jigi milqugh.

It-Tielet Aggravju tar-Rikorrent

55. Ir-rikorrent jilmenta finalment mir-rimedju likwidat mill-ewwel Qorti fil-hlas tas-somma ta' elf Euro (€1,000) in linea ta' kumpens ghall-ksur riskontrat fid-dritt tieghu li jigi assistit minn avukat fl-istadju tal-interrogatorju, meta irrilaxxa stqarrija li giet eventwalment esebita fil-proceduri kriminali pendent fil-konfront tieghu. Qabel xejn, fid-dawl tal-fatt illi l-intimat Avukat Generali interpona appell incidentali mid-decizjoni tal-ewwel Qorti li ssib lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' dan id-dritt hemm protett, din il-Qorti tqis illi f'dan l-istadju ghandha tittratta l-aggravju tal-intimat fl-appell incidentali tieghu.

L-Appell Incidentali tal-Intimat

56. L-intimat jilmenta illi l-ewwel Qorti ma messitx sabet lezjoni tad-dritt tar-rikorrent taht l-Artikolu 6(3)(c) ghaliex l-ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq jista' jigi ezaminat biss fil-kumpless tal-proceduri kollha. Skont l-intimat, galadarba l-process kriminali kontra r-rikorrent ghadu mhux mitmum, l-ewwel Qorti kellha ssegwi r-ragunament tas-sentenza

tal-Qorti ta' Strasburgu fl-ismijiet **Dimech v. Malta**[24] u mhux is-sentenza ta' **Mario Borg v. Malta**[25] u in sostanza argumenta illi l-ewwel Qorti kellha tasal ghall-konkluzjoni li l-ilment tar-rikorrent f'dan ir-rigward huwa prematur u kwindi inammissibbli. L-intimat isostni illi f'kawzi fejn jigi allegat li t-tehid tal-istqarrija kien vjolattiv minhabba n-nuqqas ta' assistenza legali, il-Qorti ta' Strasburgu tirritjeni li, sakemm il-proceduri kriminali jkunu ghadhom pendenti, ma tistax tigi kkunsidrata lanjanza ta' ksur tal-Artikolu 6(3) anke peress li l-akkuzat ma jkunx ghadu nstab hati tar-reat li bih ikun mixli. F'dan il-kuntest, l-intimat ghamel referenza, *inter alia*, ghas-sentenza fl-ismijiet **Tyrone Fenech u Amanda Agius v. Malta**. Jirrizulta li din tal-ahhar giet deciza ftit jiem biss[26] qabel is-sentenza ta' **Mario Borg v. Malta**.

57. L-ewwel Qorti ddecidiet dwar l-ilment tar-rikorrent taht l-Artikolu 6(3) billi ghamlet referenza ghall-kaz ta' **Mario Borg v. Malta** u qieset li din inghatat wara s-sentenza fil-kaz ta' **Dimech v. Malta** u ghalhekk addottat l-insenjament l-iktar recenti. Din il-konkluzjoni izda, li hija x'aktarx semplicistika – bhallikieku sentenzi huma atti legislativi li ghalihom tghodd il-massima li *lex posterior derogat priori* –, ma taghtix

[24] Deciza fit-2 ta' April 2015.
[25] Deciza fit-12 ta' Jannar 2016.
[26] 5 ta' Jannar 2016.

konsiderazzoni ghall-fatt illi c-cirkostanzi fil-kaz ta' **Dimech** u dawk fil-kaz ta' **Borg** kienu differenti.

58. Fil-fatt, Is-sentenzi tal-Qorti Ewropea fil-każijiet fuq imsemmija ta' **Borg** u ta' **Dimech** juru illi għandha ssir distinzjoni bejn sitwazzjonijiet fejn persuna akkużata ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fl-istadju tal-interrogazzjoni u l-proċeduri kriminali kontra l-istess persuna jkunu waslu fit-tmiem tagħhom, u sitwazzjonijiet fejn persuna akkużata ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fl-istadju tal-interrogazzjoni u l-proċeduri kriminali kontra l-istess persuna jkunu għadhom għaddejjin[27].

59. Fil-kaz tallum, bhal fil-kaz ta' **Dimech**, il-proceduri ghadhom ma ntemmux. Il-Qorti Ewropea fil-każ ta' **Dimech**, kienet qalet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq. L-istess ħaġa qalet fis-sentenza aktar riċenti mogħtija fil-5 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Tyrone Fenech *et v* . Malta**, fejn iċ-ċirkostanzi kienu jixbhu dawk tal-każ tallum. Il-qorti qalet hekk:

> "In the present case the criminal proceedings concerning the applicants have not come to an end. Thus, although the constitutional jurisdictions have already decided the matter, the Court considers that

[27] Ara **Pulizija *v.* Clayton Azzopardi**, Kost. 27 ta' Jannar 2017.

> it cannot be excluded that, *inter alia*, the applicants be eventually aquitted or that proceedings be discontinued.
>
> "The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Dimech, … § 48, Kesik *v.* Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons *v.* Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame *v.* Belgium (dec.), no 16147/08, 2 March 2010).
>
> "The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicants' possibility of bringing new pr-oceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicants are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature.
>
> "Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies.

60. L-argument tal-Avukat Ġenerali huwa għalhekk loġiku u raġonevoli, u l-qorti taqbel illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Madankollu, kif osservat fil-każ ta' **Malcolm Said**[28], il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur ukoll jekk, kif josserva l-Avukat Ġenerali, ma jidher li hemm xejn komprometttenti għall-attur fiha. Il-qorti tasal għal din il-konklużjoni fid-dawl tal-posizzjoni x'aktarx estrema li ħadet il-Qorti Ewropea fil-każ ta' **Borg** li xejn ma qieset jekk nuqqas ta' avukat jistax fiċ-ċirkostanzi jkun biss nuqqas formali li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir

[28] Kost. 24 ta' Gunju 2016.

ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità li tista' twassal għal konsegwenzi bħal dawk fil-każ ta' **Borg**.

61. Il-qorti għalhekk sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma hemm ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni iżda madankollu l-istqarrija xorta ma għandhiex tibqa' fil-proċess. Ghall-istess ragunijiet it-tielet aggravju tar-rikorrent ghandu jigi michud.

Decide

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell principali billi tilqa' l-istess in parte, u tvarja s-sentenza appellata billi, in kwantu ghad-decizjoni dwar l-ewwel talba, filwaqt li tikkonfermaha, izzid ulterjorment li (i) hemm lezjoni tad-dritt tar-rikorrent taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni li jkollu smigh xieraq fi zmien ragjonevoli, kif ukoll li (ii) dan l-istess dritt tar-rikorrent x'aktarx jigi lez jekk l-istqarrija tieghu tintuza bhala prova kontrih fil-process kriminali pendenti fil-konfront tieghu; in kwantu ghad-decizjoni dwar it-tieni talba, filwaqt li tikkonfermaha, ulterjorment (i) tordna li ma jsir ebda uzu mill-istqarrija de quo fil-proceduri kriminali kontra r-rikorrent kif ukoll li (ii) ghall-ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent li jkollu smigh xieraq fi zmien ragjonevoli, l-intimat ghandu

jhallas lir-rikorrent kumpens likwidat fis-somma ta' sitt elef Euro (€6,000).

Tipprovdi dwar l-appell incidentali tal-intimat billi thassar dik il-parti tas-sentenza fejn ir-rikorrent inghata kumpens ta' elf euro ghall-ksur tad-dritt ghal smigh xieraq talli ma thalliex jikkonsulta ma' avukat qabel ghamel stqarrija, u tghid,minflok, illi dak il-ksur isehh jekk isir uzu mill-istqarrija fil-proceduri kontra r-rikorrent, u ghalhekk tordna li ma ghandu jsir ebda uzu minn dik l-istqarrija ifl-proceduri kontra l-attur.

L-ispejjez, kemm tal-ewwel grad kif ukoll dawk tal-appell u tal-appell incidentali, jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Agent President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df